

# Il-Ġurnal Ufficijali L 276 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

## Leġiżlazzjoni

Volum 64

31 ta' Lulju 2021

Werrej

### II Atti mhux leġiżlattivi

#### REGOLAMENTI

- ★ Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1239 tad-29 ta' Lulju 2021 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/1919, (UE) 2021/91 u (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2021 fl-ilmiċċiet tal-Unjoni u mhux tal-Unjoni ..... 1

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2021/1239

tad-29 ta' Lulju 2021

**li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/1919, (UE) 2021/91 u (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti  
opportunitajiet tas-sajd għall-2021 fl-ilmijiet tal-Unjoni u mhux tal-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1919 (l') jalloka l-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania (l') (il-“Protokoll”). Il-Protokoll ġie estiż sal-15 ta' Novembru 2020 bil-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri (l') dwar estensjoni, għal perijodu massimu ta' sena, għall-Protokoll. L-iffirmar ta' dak il-Ftehim ġie awtorizzat bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1918 (l'), li awtorizzat l-applikazzjoni proviżorja tiegħu.
- (2) Fit-23 ta' Ottubru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/1704 (l'), li tipprovd iġħat-tieni estensjoni, għal massimu ta' sena, għall-Protokoll.

- 
- (l) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1919 tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd taħt il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania (ĠU L 297 I, 18.11.2019, p. 5).
  - (2) Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għal perijodu ta' erba' snin (ĠU L 315, 1.12.2015, p. 3).
  - (3) Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019 (ĠU L 297 I, 18.11.2019, p. 3).
  - (4) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1918 tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li se jiskadi fil-15 ta' Novembru 2019 (ĠU L 297 I, 18.11.2019, p. 1).
  - (5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1704 tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania dwar l-estensjoni tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-Settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania, li ser jiskadi fil-15 ta' Novembru 2020 (ĠU L 383, 16.11.2020, p. 1).

- (3) L-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2019/1919 jalloka opportunitajiet tas-sajd lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fil-Kategorija 6 — bastimenti tat-tkarkir mgħammra bi friża għas-sajd pelaġiku.
- (4) Skont il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (⁹), ir-Renju Unit, mill-1 ta' Frar 2020, ma għadux Stat Membru tal-Unjoni u l-perjodu ta' tranżizzjoni previst f'dak il-Ftehim intemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Għalhekk, l-opportunitajiet tas-sajd allokkati lir-Renju Unit jenħtieġ li jiġi riallokati lill-Istati Membri mill-1 ta' Jannar 2021 u jenħtieġ li r-Renju Unit ma jibqax ikollu liċenzja trimestrali mill-1 ta' Jannar 2021.
- (5) Dik ir-riallokazzjoni jenħtieġ li tkun trasparenti u proporzjonali għall-allokazzjoni oriġinali tal-kwoti.
- (6) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1919 jiġi emendat kif adatt.
- (7) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/91 (⁷) jistabbilixxi, għas-snin 2021 u 2022, l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ġerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond. Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 (⁸) jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ġerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbi fl-il-mijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti il-mijiet mhux tal-Unjoni. Għall-istokkijiet kondiviżi mar-Renju Unit (ir-Renju Unit), dawk ir-Regolamenti jistabbilixxu qabdet totali permissibbli (TACs, *total allowable catches*) proviżorji applikabbi sal-31 ta' Lulju 2021 għal bastimenti li jistadu fl-il-mijiet tal-Unjoni, fl-il-mijiet internazzjonali u fl-il-mijiet ta' pajiżi terzi.
- (8) F'konformità mal-Artikolu 498(2), (4) u (6) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u r-Renju Unit (⁹) (*TCA, Trade and Cooperation Agreement*), l-Unjoni kellha konsultazzjonijiet bilaterali mar-Renju Unit u stabbilit il-livell ta' opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet elenkti fl-Anness 35 u fit-Tabelli A u B tal-Anness 36 tat-TCA, kif ukoll il-kundizzjonijiet assoċjati għas-sena 2021, u l-livell tal-opportunitajiet tas-sajd għal ġerti TACs tal-baħar fond, kif ukoll il-kundizzjonijiet assoċjati għas-snin 2021 u 2022. Dawk il-konsultazzjonijiet saru bejn l-20 ta' Jannar 2021 u t-2 ta' Ġunju 2021 abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Marzu 2021 (⁹). L-eżitu tal-konsultazzjonijiet ġie ddokumentat frekord bil-miktub, iffirmat mill-kapijiet tad-delegazzjonijiet kemm tal-Unjoni kif ukoll tar-Renju Unit u approvat mill-Kunsill fil-11 ta' Ġunju 2021. Għalhekk huwa meħtieġ li t-TACs proviżorji li ġew stabbiliti fir-Regolamenti tal-Kunsill (UE) 2021/91 u (UE) 2021/92 jiġu sostitwiti bl-opportunitajiet tas-sajd maqbula mar-Renju Unit, flimkien mal-miżuri assoċjati l-għodda.
- (9) Il-konklużjoni ta' dawk il-konsultazzjonijiet tintroduċi opportunitajiet tas-sajd maqbula u żgurati għall-Unjoni u r-Renju Unit għall-2021, kif ukoll għal ġerti stokkijiet tal-baħar fond għall-2021 u l-2022 taħt id-dispożizzjonijiet tat-TAC dwar l-aċċess ugħwali għall-il-mijiet ta' xulxin.
- (10) Issa huwa meħtieġ li l-eżitu tal-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit jiġu implementati fis-sistema legali tal-Unjoni billi jiġu sostitwiti t-TACs proviżorji li ġew stabbiliti fir-Regolamenti (UE) 2021/91 u (UE) 2021/92 bl-opportunitajiet tas-sajd li jirrispettar il-livelli tat-TACs maqbula mar-Renju Unit.

(⁶) ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.

(⁷) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/91 tat-28 ta' Jannar 2021 li jiffissa, għas-snin 2021 u 2022, l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għal ġerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 20).

(⁸) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/92 tat-28 ta' Jannar 2021 li jistabbilixxi għall-2021 l-opportunitajiet tas-sajd għal ġerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbi fl-il-mijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti il-mijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 31, 29.1.2021, p. 31).

(⁹) Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10).

(¹⁰) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed fissem l-Unjoni fil-konsultazzjonijiet mar-Renju Unit għal qbil dwar l-opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet kondiviżi għall-2021 u, għal ġerti stokkijiet tal-baħar fond, għall-2021 u l-2022 (ST 6414/21).

- (11) Taħt it-TCA, l-Unjoni u r-Renju Unit għandhom l-ġħan li jisfruttaw stokkijiet kondiviżi b'rati maħsuba biex iżommu u progressivament jirkupraw popolazzjonijiet ta' speċijiet maħsuda 'l fuq mil-livelli tal-bijomassa li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli (MSY, *maximum sustainable yield*). Skont il-pjanijiet pluriennali previsti ir-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013<sup>(11)</sup>, (UE) 2019/472<sup>(12)</sup> u (UE) 2018/973<sup>(13)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, il-mortalità mis-sajd fil-mira fkonformità mal-meded tal-MSY ( $F_{MSY}$ ) definiti fir-Regolamenti (UE) 2019/472 u (UE) 2018/973 kellha tinkiseb mill-aktar fis possibbli, u fuq bażi progressiva u inkrementali sal-2020 għall-istokkijiet fil-mira elenkti f'dawk ir-Regolamenti u għandha tinżamm minn hemm 'il quddiem fil-meded tal- $F_{MSY}$ , fkonformità ma' dawk ir-Regolamenti.
- (12) Hemm ċerti stokkijiet li għalihom il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES, *International Council for the Exploration of the Sea*), waqt li jivalutahom mal-MSY, ħareġ parir xjentifiku biex ma jsir ebda qbid. Jekk it-TACs għal dawk l-istokkijiet jiġu stabbiliti fil-livell indikat fil-parir xjentifiku, l-obbligu li f'sajd imħallat jinħattu l-art il-qabdet kollha kemm fl-ilmjiet tal-Unjoni kif ukoll f'tar-Renju Unit, inklużi l-qabdet inċidental minn dawk l-istokkijiet, iwassal għall-fenomenu ta' "speċijiet bi kwota limitanti" ('choke species'). Sabiex tīgi bbilanċjata l-ħtieġa għall-kontinwazzjoni ta' dak is-sajd imħallat fid-dawl tal-implikazzjoni soċċoekonomiċi potenzjalment severi fuq l-interruzzjoni sħiħa ta' dak is-sajd mal-ħtieġa li jinkiseb status bijoloġiku tajjeb għal dawk l-istokkijiet, u filwaqt li titqies id-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat b'MSY fl-istess ħin, l-Unjoni u r-Renju Unit qablu li huwa xieraq li jiġu stabbiliti TACs spċifici għall-qabdet inċidentalni għal dawk l-istokkijiet. Il-livell ta' dawk it-TACs jenħtieġ li jkun tali li titnaqqas il-mortalità għal dawk l-istokkijiet u li jipprovd iñcentivi għal titjib fis-selettività u fl-evitar. Il-livelli tal-opportunitajiet tas-sajd għal dawk l-istokkijiet jenħtieġ li jiġu stabbiliti fkonformità mar-rekord bil-miktub kemm sabiex jiġi żgurati kundizzjonijiet ewkwalenti ta' kompetizzjoni għall-operaturi tal-Unjoni kif ukoll sabiex jiġi previst l-irkupru sinifikanti tal-bijomassa ta' dawk l-istokkijiet fl-istess ħin.
- (13) Filwaqt li l-Unjoni u r-Renju Unit ma laħqux ftehim dwar miżuri tekniċi funzjonalment marbuta li jkunu allinjati, it-tnejn qablu li tali miżuri huma meħtieġa, u r-Renju Unit ser Jadotta tali miżuri sabiex jikkontribwixxi għall-irkupru tal-istokkijiet ikkonċernati. Fin-nuqqas attwali ta' ftehim, huwa meħtieġ li fl-ilmjiet tal-Unjoni titkompli l-applikazzjoni tal-miżuri tekniċi funzjonalment marbuta li huma eżistenti, stabbiliti fl-Artikoli 15, 16 u 17 tar-Regolament (UE) 2021/92, li jippermettu l-istabbiliment tat-TACs tal-ispeċijiet fil-mira fil-livelli proposti f'dan ir-Regolament mingħajr ma jiġi pperikolat l-istat tal-istokkijiet tal-qabdet inċidentalni inevitabbli fl-ilmjiet tal-Unjoni.
- (14) Minħabba li l-bijomassa tal-istokkijiet tal-COD/5BE6A, tal-WHG/56-14, tal-WHG/07A u tal-PLE/7HJK hija taħt il-punt ta' referenza tal-limitu tal-bijomassa ( $B_{lim}$ ) u li huwa permess biss sajd inċidentali u xjentifiku, l-Unjoni u r-Renju Unit qablu fir-rekord bil-miktub li ma għandhiex tīgi applikata flessibbiltà inter-annwali, inkluż taħt l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet għat-trasferimenti għall-2021 sabiex il-qabdet fl-2021 ma jaqbżux it-TAC stabbilita għal dawk l-istokkijiet. Għalhekk, il-Belġju, Franzja, il-Ġermanja, l-Irlanda u n-Netherlands impenjaw ruħhom li ma japplikawx l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 fir-rigward ta' dawk l-istokkijiet għat-trasferimenti għall-2021.
- (15) Minħabba li l-bijomassa tal-istokk ta' PRA/03A hija taħt l-MSY  $B_{trigger}$ , l-Unjoni u n-Norveġja qablu li ma għandhiex tīgi applikata flessibbiltà inter-annwali, inkluż taħt l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u taħt l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96<sup>(14)</sup> fir-rigward ta' dan l-istokk għal trasferimenti għall-2021 sabiex il-qabdet fl-2021 ma jaqbżux it-TAC stabbilita għal dawk l-istokk. Għalhekk, id-Danimarka u l-İzveja impenjaw ruħhom li ma japplikawx l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 fir-rigward ta' dan l-istokk għat-trasferimenti għall-2021.

<sup>(11)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

<sup>(12)</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-il-miġjiet tal-Punent u fl-il-miġjiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1).

<sup>(13)</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1).

<sup>(14)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kondizzjonijiet addizzjonalni għal tmexxija minn sena għal-sena tal-TAC u l-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

- (16) Minħabba li l-bijomassa tal-istokkijiet ta' COD/2A3AX4, COD/03AN u COD/07D hija taħt il-B<sub>lim</sub>, l-Unjoni, ir-Renju Unit u n-Norveġja qablu li ma għandhiex tīgħi applikata flessibbiltà inter-annwali, inkluż taħt l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u taħt l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet għal trasferimenti għall-2021 sabiex il-qabdiet fl-2021 ma jaqbżux it-TAC stabbilita għal dawk l-istokkijiet. Għalhekk, il-Belġju, id-Danimarka, Franzia, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Iż-żejt impenjaw ruħhom li ma japplikawx l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 fir-rigward ta' dawn l-istokkijiet għat-trasferimenti għall-2021.
- (17) L-ispnotta fil-Baħar Ċeltiku, fil-Kanal Ingliż, fil-Baħar Irlandiż u fin-Nofsinhar tal-Baħar tat-Tramuntana (id-Diviżjonijiet 4b, 4c, 7a u 7d tal-ICES sa 7h) għadha taħt l-MSY B<sub>trigger</sub> u hija fiti oħla mill-B<sub>lim</sub>. Filwaqt li l-mortalitā mis-sajd naqset, l-indikazzjonijiet tal-ICES dwar il-pressjoni tas-sajd għadhom ta' tħassib. L-importanza ta' miżuri maqbula biex jiġu żgurati kundizzjonijiet u opportunitajiet allinjati għar-Renju Unit u għall-flotot tal-Unjoni hija kruċjali għall-ispnott bħala stokk kondivuż, b'mod partikolari fuq limitu massimu ta' kull xahar għas-sajd kummerċjali bit-tkarkir u t-tartarun, u għall-qabdiet incidental fuq kummerċjali mal-kosta, filwaqt li tinżamm il-limitazzjoni eżistenti fuq is-sajd rikreattiv fis-seħħ. L-Unjoni u r-Renju Unit qablu wkoll li jagħtu priorità lit-titjib tal-għoddha ta' valutazzjoni tal-ICES għall-ispnott sabiex jippermettu kalkoli ta' tbassir abbażi tal-mudelli tal-MSY.
- (18) Sabiex tinkiseb il-protezzjoni mis-sajd tal-ispecċijiet ikkonċernati, ir-Renju Unit u l-Unjoni qablu fir-rekord bil-miktub dwar il-listi ta' speċċijiet pprojbiti. Is-sajd għal, iż-żamma abbord, it-trażbord, jew il-ħatt l-art ta', tali speċċijiet ipprojbiti jridu jiġu pprojbiti.
- (19) Skont l-Artikolu 498(8) tat-TCA, l-Unjoni u r-Renju Unit qablu li jistabbilixxu mekkaniżmu għal trasferimenti volontarji fis-sena tal-opportunitajiet tas-sajd li jsiru kull sena u li d-dettalji għal tħalli mekkaniżmu jenħtieġ li jiġu ddefiniti mill-Kunitat Speċjalizzat dwar is-Sajd. Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jittraferixxu jew jiskambjaw opportunitajiet tas-sajd mar-Renju Unit sa meta dawk id-dettalji jiġu adottati mill-Kunitat Speċjalizzat dwar is-Sajd, huwa xieraq li tīgħi stabbilita l-proċedura biex isiru tali trasferimenti jew skambji.
- (20) Fl-2021, l-Unjoni u l-Gżejjer Faeroe kellhom konsultazzjonijiet annwali dwar l-iskambji għal ċerti TACs u l-aċċess għall-ilmijiet ta' kull Parti. Il-konsultazzjoni ma wasslux għal ftehim bejn l-Unjoni u l-Gżejjer Faeroe. Min-naħa tal-Unjoni nżammet riżerva għal ċerti TACs biex tipprevedi dawk l-iskambji. B'rīzultat ta' dan, jenħtieġ li t-tabelli rilevanti tal-opportunitajiet tas-sajd u l-liċenzji tal-bastimenti jiġu emendati kif adatt.
- (21) Ir-Regolament (UE) 2021/92, kif adottat inizjalment, stabbilixxa għal żero t-TAC għall-inċova fis-Subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni ta' CECAF 34.1.1 applikabbli mill-1 ta' Lulju 2021 sat-30 ta' Ġunju 2022, filwaqt li kien mistenni parir xjentifiku ġdid. Fit-tielet emenda għall-opportunitajiet tas-sajd għall-2021, għet stabbilita TAC proviżorja sat-30 ta' Settembru 2021 biex tippermetti li jitkompli s-sajd għall-inċova. L-ICES ħarġet il-pari xjentifiku fit-18 ta' Ġunju 2021. Għalhekk, it-TAC għall-perjodu li jibda fl-1 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tīgħi emendata f'konformità mal-pari xjentifiku l-aktar reċenti mill-ICES.
- (22) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) 2021/91 u (UE) 2021/92 jiġu emendati kif adatt.
- (23) Fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd madwar iż-żona ta' Svalbard, it-Trattat tad-9 ta' Frar 1920 relitat ma' Spitsbergen (Svalbard) (it-“Trattat ta’ Pariġi tal-1920”) jagħti aċċess ugħwali u mhux diskriminatorju għar-riżorsi għall-Partijiet kollha għal dak it-Trattat, inkluż fir-rigward tas-sajd. Il-fehma tal-Unjoni dwar dak l-aċċess ġiet espressa f'diversi okkażjonijiet, l-aktar reċenti fin-notes verbales lin-Norveġja Nru 02/21 datata s-26 ta' Frar 2021 u Nru 08/21 datata t-28 ta' Ġunju 2021. Sabiex jiġi żgurat li l-isfruttament tar-riżorsi fiż-żona ta' Svalbard ikun konsistenti ma' tali regoli ta' ġestjoni mhux diskriminatorji kif jista' jiġi stabbilit min-Norveġja, li tgawdi sovranità u ġuriżdizzjoni fiż-żona fil-limiti ta' dak it-Trattat, il-Kunsill stabbilixxa, għas-Subżona 1 u d-Diviżjoni 2b tal-ICES, l-għadd ta' bastimenti li huma awtorizzati jeżerċitaw attivitajiet tas-sajd għal snow crab u għall-kwoti għall-bakkaljaw. L-allokazzjoni ta' tali opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri hija applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2021. Fin-note verbale lin-Norveġja Nru 02/21 datata s-26 ta' Frar 2021, l-Unjoni riżervat id-drittijiet tagħha li tieħu l-kontromiżuri rimedjali adegwati kollha biex tissalvagħwardja d-drittijiet u l-interessi leġittimi tal-Unjoni. Huwa xieraq ukoll li jiġi mfakkar li fl-Unjoni r-responsabbiltà primarja li tīgħi żgurata l-konformità mal-lig-ġiapplikabbli hija tal-Istati Membri tal-bandiera.

- (24) Il-limiti tal-qbid previsti fir-Regolamenti (UE) 2019/1919 u (UE) 2021/91 japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021. Jenħtieġ għalhekk li d-dispożizzjonijiet introdotti b'dan ir-Regolament dwar il-limiti tal-qbid japplikaw ukoll minn dik id-data, bl-eċċeżżjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-inċova fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1, li jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Lulju 2021, u tal-Artikolu 3(2) il-punt (c), fir-rigward tal-paragrafi ġodda 2a u 2b tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/92, li jenħtieġ li japplikaw mill-1 ta' Awwissu 2021. Il-limiti tal-qbid previsti fir-Regolament (UE) 2019/1919 japplikaw għat-tieni perijodu ta' applikazzjoni tal-estensjoni tal-Protokoll dwar is-sajd mal-Mauritania, jiġifieri mis-16 ta' Novembru 2020. Ir-Renju Unit ma għamilx użu minn dawk l-opportunitajiet tas-sajd u m'għadux intitolat jagħmel hekk mill-1 ta' Jannar 2021. L-emendar ta' dawk l-opportunitajiet tas-sajd taħt dak ir-Regolament għandu għalhekk japplika mill-1 ta' Jannar 2021. Tali applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipji taċ-ċertezza legali u l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, peress li l-opportunitajiet tas-sajd ikkonċernati jiżidiedu jew għadhom ma ġewx eżawriti. Minħabba l-urġenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufiħ wara li jiġi ppubblikat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

#### **Emendar tar-Regolament (UE) 2019/1919**

L-Artikolu 1(1)(f) tar-Regolament (UE) 2019/1919 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(f) il-kategorija nru 6 — bastimenti tat-tkarkir mgħammra bi friża għas-sajd għall-ħut pelaġiku:

Il-Ġermanja	13 038,4 tunnellati
Franza	2 714,6 tunnellati
Il-Latvja	55 966,6 tunnellati
Il-Litwanja	59 837,6 tunnellati
In-Netherlands	64 976,1 tunnellati
Il-Polonja	27 106,6 tunnellati
L-Irlanda	8 860,1 tunnellati

Matul il-perjodu tal-applikazzjoni tal-estensjoni tal-Protokoll, l-Istati Membri għandu jkollhom l-għadd ta' liċenzji trimestrali li ġej:

Il-Ġermanja	4
Franza	2
Il-Latvja	20
Il-Litwanja	22
In-Netherlands	16
Il-Polonja	8
L-Irlanda	2

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni jekk ġerti liċenzji jkunu jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' Stati Membri oħrajn.

F'din il-kategorija, massimu ta' 19-il bastiment jistgħu jiġu skjerati fl-ilmijiet tal-Mauritania fi kwalunkwe ħin;”.

**Artikolu 2****Emendar tar-Regolament (UE) 2021/91**

Ir-Regolament (UE) 2021/91 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Artikolu 8 jitħassar;
- (2) il-Parti 2 tal-Anness hija emendata skont il-Parti A tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

**Artikolu 3****Emendar tar-Regolament (UE) 2021/92**

Ir-Regolament (UE) 2021/92 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Artikolu 7 jitħassar;
- (2) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:
  - (a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“1a. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-qabdet inċidentalni tal-ispnott f'attivitajiet ta' sajd bix-xbieki kummerċjali mal-kosta. Din l-eżenzjoni tapplika għal numri storiċi ta' xbieki tax-xtut stabbiliti fil-livelli ta' qabel l-2017. L-attivitajiet ta' sajd bix-xbieki kummerċjali mal-kosta ma għandux ikollhom l-ispnott fil-mira tagħġi jinħall l-art biss qabdet inċidentalni inevitabbli tal-ispnott.”;

- (b) fil-paragrafu 2, il-punti (c) u (d) u l-aħħar subparagrafu jitħassru;
- (c) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

“2a. B'deroga mill-paragrafu 1, mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 7d, 7e, 7f u 7h tal-ICES jistgħu jistadu għall-ispnott, u jżommu, jittrażbordaw, jirrilokaw jew iħottu l-art l-ispnott maqbud f'dik iż-żona bl-irkapti li ġejjin u fil-limiti li ġejjin:

- (a) bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir demersali (\*), għal qabdet inċidentalni inevitabbli li ma jaqbżux it-380 kilogramma kull xahar u 5 % tal-piż tal-qabdet totali ta' organiżmi marini abbord maqbuda minn dak il-bastiment f'kull vjaġġi tas-sajd;
- (b) bl-użu ta' tartaruni (\*\*), għal qabdet inċidentalni inevitabbli li ma jaqbżux it-380 kilogramma kull xahar u 5 % tal-piż tal-qabdet totali tal-organiżmi marini abbord maqbuda minn dak il-bastiment f'kull vjaġġi tas-sajd;

2b. Minkejja l-paragrafi 2 u 2a, il-qabdet imsemmija fil-punti (a) u (b) ta' dawk il-paragrafi ma għandhomx jaqbżu s-760 kilogramma għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Awwissu.

2c. B'deroga mill-paragrafu 1, f'Jannar 2021 u mill-1 ta' April sal-31 ta' Diċembru, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 7d, 7e, 7f u 7h tal-ICES jistgħu jistadu għall-ispnott, u jżommu, jittrażbordaw, jirrilokaw jew iħottu l-art l-ispnott maqbud f'dik iż-żona bl-irkapti li ġejjin u fil-limiti li ġejjin:

- (a) bl-użu ta' snanar u xlief (\*\*), li ma jaqbżux 5,7 tunnellati għal kull bastiment;
- (b) bl-użu ta' għeżula armati fuq il-lasti (\*\*\*\*), għall-qabdet inċidentalni inevitabbli ta' mhux aktar minn 1,4 tunnellati għal kull bastiment.

Id-derogi stabbiliti fl-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li rreġistraw qabdet tal-ispnott fil-perjodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Settembru 2016: fil-punt (a) b'qabdet reġistrati bl-użu ta' snanar u xlief, u fil-punt (b) b'qabdet reġistrati bl-użu ta' għeżula armati fuq il-lasti. F'każ ta' sostituzzjoni ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li d-deroga tapplika għal bastiment ieħor tas-sajd dment li l-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni soġġetti għad-deroga u l-kapaċità tas-sajd globali tagħhom ma jiżididux.

(\*) It-tipi kollha ta' xbieki tat-tkarkir demersali (OTB, OTT, PTB, TBB, TBN, TBS u TB).

(\*\*) It-tipi kollha ta' tartaruni (SSC, SDN, SPR, SV, SB u SX).

(\*\*\*) Is-sajd kollu bil-konzijiet jew bil-bastun u x-xlief jew bil-qasba u x-xlief (LHP, LHM, LLD, LL, LTL, LX u LLS).

(\*\*\*\*) L-għeżula armati fuq il-lasti u n-nases kollha (GTR, GNS, GNC, FYK, FPN u FIX).”;

- (d) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:
- (i) fil-punt (a), “mill-1 ta’ Jannar sat-28 ta’ Frar” tinbidel bi “mill-1 ta’ Jannar sat-28 ta’ Frar u mill-1 ta’ Diċembru sal-31 ta’ Diċembru 2021”;
  - (ii) fil-punt (b), “mill-1 ta’ Marzu sal-31 ta’ Lulju” tinbidel bi “mill-1 ta’ Marzu sat-30 ta’ Novembru.”;
- (3) fl-Artikolu 15(1), “bastimenti tal-Unjoni li jistadu bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u tartaruni fid-diviżjonijiet 7f u 7g” tinbidel bi “bastimenti tal-Unjoni li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u bit-tartaruni fl-ilmiġiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 7g tal-ICES.”;
- (4) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

*“Artikolu 53a*

#### **Trasferimenti u skambji tal-kwoti mar-Renju Unit**

1. Kwalunkwe trasferiment jew skambju ta’ kwoti bejn l-Unjoni u r-Renju Unit għandu jsir skont il-paragrafi 2 sa 4.
  2. Stat Membru li jkollu l-ħsieb li jittrasferixxi jew jiskambja kwoti mar-Renju Unit jista’ jiddiskuti mar-Renju Unit deskrizzjoni tat-trasferiment jew skambju tal-kwoti.
  3. Fejn il-Kummissjoni tapprova deskrizzjoni ġenerali ta’ trasferiment jew skambju ta’ kwoti msemmija fil-paragrafu 2 notifikata mill-Istat Membru kkonċernat, il-Kummissjoni għandha tesprimi, mingħajr dewmien żejjed, il-kunsens li tkun marbuta b’tali trasferiment jew skambju ta’ kwoti. Il-Kummissjoni għandha tinnotifikasi lir-Renju Unit u lill-Istati Membri bit-trasferiment jew skambju ta’ kwoti maqbūl.
  4. Il-kwota rċevuta mir-Renju Unit jew trasferita lir-Renju Unit taħt it-trasferiment jew skambju ta’ kwoti maqbūl għandha titqies bħala kwoti allokati lil, jew imnaqqsa minn, l-allokazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat, mill-mument li t-trasferiment jew l-iskambju tal-kwoti jkun ġie notifikat skont il-paragrafu 3. Tali skambji ma għandhomx ibiddu l-iskema ta’ distribuzzjoni eżistenti għall-fini tal-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri f’konformità mal-prinċipju ta’ stabbiltà relativa tal-attivitajiet tas-sajd.”;
- (5) l-Anness IA huwa emendat skont il-Parti B tal-Anness ta’ dan ir-Regolament;
  - (6) l-Anness IB huwa emendat skont il-Parti C tal-Anness ta’ dan ir-Regolament;
  - (7) l-Anness II huwa emendat skont il-Parti D tal-Anness ta’ dan ir-Regolament;
  - (8) l-Anness V huwa emendat skont il-Parti E tal-Anness ta’ dan ir-Regolament.

*Artikolu 4*

#### **Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu jaapplika mill-1 ta’ Jannar 2021, bl-eċċeżżjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-inċova fis-subżoni 9 u 10 tal-ICES u fl-ilmiġiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1, li għandhom jaapplikaw mill-1 ta’ Lulju 2021, u tal-Artikolu 3(2) il-punt (c), firrigward tal-paragrafi ġodda 2a u 2b tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/92, li għandhom jaapplikaw mill-1 ta’ Awwissu 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta’ Lulju 2021.

*Għall-Kunsill  
Il-President  
G. DOVŽAN*

## ANNESS

## PARTI A

**Emendi għall-Parti 2 tal-Anness għar-Regolament (UE) 2021/91**

Fil-Parti 2 tal-Anness għar-Regolament (UE) 2021/91, it-tabelli rilevanti tal-opportunitajiet tas-sajd huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Speċijiet:	Ċinturin iswed <i>Aphanopus carbo</i>	Żona:	iż-żoni 6 u 7; l-ilmiġiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żona 5; l-ilmiġiet internazzjonali taż-żona 12 (BSF/56712-)
Sena	2021	2022	TAC prekawzjonarja
Il-Ġermanja	22	22	
L-Estonja	11	11	
L-Irlanda	55	55	
Spanja	110	110	
Franza	1 541	1 541	
Il-Latvja	72	72	
Il-Litwanja	1	1	
Il-Polonja	1	1	
Pajjiżi oħrajn	6 <sup>(1)</sup>	6 <sup>(1)</sup>	
L-Unjoni	1 819	1 819	
Ir-Renju Unit	110	110	
TAC	1 929	1 929	
<sup>(1)</sup>	Għall-qabdiet inċidentali biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota. Il-qabdiet li jridu jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġi rrapportati separatament (BSF/56712_AMS).		

Speċijiet:	Fonsa ħamra <i>Beryx spp.</i>	Żona:	L-ilmiġiet tar-Renju Unit, tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żoni 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12 u 14 (ALF/3X14-)
Sena	2021	2022	TAC prekawzjonarja
L-Irlanda	7 <sup>(1)</sup>	7 <sup>(1)</sup>	
Spanja	51 <sup>(1)</sup>	51 <sup>(1)</sup>	
Franza	14 <sup>(1)</sup>	14 <sup>(1)</sup>	
Il-Portugall	145 <sup>(1)</sup>	145 <sup>(1)</sup>	
L-Unjoni	217 <sup>(1)</sup>	217 <sup>(1)</sup>	
Ir-Renju Unit	7 <sup>(1)</sup>	7 <sup>(1)</sup>	
TAC	224 <sup>(1)</sup>	224 <sup>(1)</sup>	
<sup>(1)</sup>	Għall-qabdiet inċidentali biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota.		

Speċijiet:	Grenadier imnieħru tond <i>Coryphaenoides rupestris</i>	Żona:	iż-żoni 6 u 7; l-ilmiġiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żona 5b (RNG/5B67-)
------------	--	-------	---

Sena	2021	2022	TAC prekawzjonarja
Il-Ġermanja	4 <sup>(1)(2)</sup>	4 <sup>(1)(2)</sup>	
L-Estonja	34 <sup>(1)(2)</sup>	34 <sup>(1)(2)</sup>	
L-Irlanda	150 <sup>(1)(2)</sup>	150 <sup>(1)(2)</sup>	
Spanja	37 <sup>(1)(2)</sup>	37 <sup>(1)(2)</sup>	
Franza	1 910 <sup>(1)(2)</sup>	1 910 <sup>(1)(2)</sup>	
Il-Litwanja	44 <sup>(1)(2)</sup>	44 <sup>(1)(2)</sup>	
Il-Polonja	22 <sup>(1)(2)</sup>	22 <sup>(1)(2)</sup>	
Pajjiżi oħrajn	4 <sup>(1)(2)(3)</sup>	4 <sup>(1)(2)(3)</sup>	
L-Unjoni	2 205 <sup>(1)(2)</sup>	2 205 <sup>(1)(2)</sup>	
Ir-Renju Unit	112 <sup>(1)(2)</sup>	112 <sup>(1)(2)</sup>	
TAC	2 317 <sup>(1)(2)</sup>	2 317 <sup>(1)(2)</sup>	

<sup>(1)</sup> Fl-ilmiġiet tal-Unjoni u fdawk internazzjonali taż-żoni 8, 9, 10, 12 u 14 jista' jinqabda ammont massimu ta' 10 % minn kull kwota (RNG/\*8X14 - għall-grenadier imnieħru tond; RHG/\*8X14- għall-qabdet inċidentalni tal-grenadier rasu raffa).

<sup>(2)</sup> Mhu permess l-ebda sajd dirett għal-grenadier rasu raffa. Il-qabdet inċidentalni tal-grenadier rasu raffa (RHG/5B67-) għandhom jinqatgħu minn din il-kwota. Dawn ma jistgħux jaqbżu l-1 % tal-kwota.

<sup>(3)</sup> Għall-qabdet inċidentalni biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett. Il-qabdet li jridu jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rrapporati separatament (RNG/5B67\_AMS għall-grenadier imnieħru tond; RHG/5B67\_AMS għall-grenadier rasu raffa).

Speċijiet:	Grenadier imnieħru tond <i>Coryphaenoides rupestris</i>	Żona:	L-ilmiġiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 8, 9, 10, 12 u 14 (RNG/8X14-)
------------	--	-------	---

Sena	2021	2022	TAC prekawzjonarja
Il-Ġermanja	10 <sup>(1)(2)(3)</sup>	10 <sup>(1)(2)(3)</sup>	
L-Irlanda	2 <sup>(1)(2)(3)</sup>	2 <sup>(1)(2)(3)</sup>	
Spanja	1 111 <sup>(1)(2)(3)</sup>	1 111 <sup>(1)(2)(3)</sup>	
Franza	51 <sup>(1)(2)(3)</sup>	51 <sup>(1)(2)(3)</sup>	
Il-Latvja	18 <sup>(1)(2)(3)</sup>	18 <sup>(1)(2)(3)</sup>	
Il-Litwanja	2 <sup>(1)(2)(3)</sup>	2 <sup>(1)(2)(3)</sup>	
Il-Polonja	347 <sup>(1)(2)(3)</sup>	347 <sup>(1)(2)(3)</sup>	
L-Unjoni	1 541 <sup>(1)(2)(3)</sup>	1 541 <sup>(1)(2)(3)</sup>	

Spécijiet:	Grenadier imnieħru tond <i>Coryphaenoides rupestris</i>	Żona:	L-ilmiġiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 8, 9, 10, 12 u 14 (RNG/8X14-)
------------	--	-------	--

Ir-Renju Unit	4 <sup>(1)(2)</sup>	4 <sup>(1)(2)</sup>
---------------	---------------------	---------------------

TAC	1 545 <sup>(1)(2)</sup>	1 545 <sup>(1)(2)</sup>
-----	-------------------------	-------------------------

<sup>(1)</sup> Fl-ilmiġiet taż-żoni 6 u 7 u fl-ilmiġiet tar-Renju Unit u fdawk internazzjonali taż-żona 5b; jista' jinqabda ammont massimu ta' 10 % minn kull kwota (RNG/\*5B67- għall-grenadier imnieħru tond; RHG/\*5B67- għall-qabdet inċidental tal-grenadier rasu raffa).

<sup>(2)</sup> Mhu permess l-ebda sajd dirett tal-grenadier rasu raffa.

<sup>(3)</sup> Il-qabdet inċidental tal-grenadier rasu raffa (RHG/8X14-) għandhom jinqatgħu minn din il-kwota. Dawn ma jistgħux jaqbżu l-1 % tal-kwota.

Spécijiet:	Paġella ħamra <i>Pagellus bogaraveo</i>	Żona:	Iż-żoni 6, 7 u 8 (SBR/678-)
------------	--	-------	--------------------------------

Sena	2021	2022	TAC prekawzjonarja
------	------	------	--------------------

L-Irlanda	3 <sup>(1)</sup>	3 <sup>(1)</sup>
-----------	------------------	------------------

Spanja	84 <sup>(1)</sup>	84 <sup>(1)</sup>
--------	-------------------	-------------------

Franza	4 <sup>(1)</sup>	4 <sup>(1)</sup>
--------	------------------	------------------

Pajjiżi oħrajn	3 <sup>(1)(2)</sup>	3 <sup>(1)(2)</sup>
----------------	---------------------	---------------------

L-Unjoni	95 <sup>(1)</sup>	95 <sup>(1)</sup>
----------	-------------------	-------------------

Ir-Renju Unit	11 <sup>(1)</sup>	11 <sup>(1)</sup>
---------------	-------------------	-------------------

TAC	105 <sup>(1)</sup>	105 <sup>(1)</sup>
-----	--------------------	--------------------

<sup>(1)</sup> Għall-qabdet inċidental biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota.

<sup>(2)</sup> Il-qabdet li jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rrapportati separatament (SBR/678\_AMS).".

## PARTI B

### Emendi għall-Anness IA tar-Regolament (UE) 2021/92

Fl-Anness IA tar-Regolament (UE) 2021/92, it-tabelli rilevanti tal-opportunitajiet tas-sajd huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Spécijiet:	Čiċċirelli u qabdet inċidental assoċjati <i>Ammodytes spp.</i>	Żona:	L-ilmiġiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni taż-żona 4; l-ilmiġiet tar-Renju Unit taż-żona 2a; l-ilmiġiet tal-Unjoni taż-żona 3a (1)
-------------	---	-------	--

Id-Danimarka	86 652 <sup>(2)(3)</sup>	TAC analitika
--------------	--------------------------	---------------

Il-Ġermanja	132 <sup>(2)(3)</sup>	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
-------------	-----------------------	---

L-Iżvejza	3 182 <sup>(2)(3)</sup>	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandux japplika
-----------	-------------------------	---

L-Unjoni	89 966 <sup>(2)</sup>	
----------	-----------------------	--

Ir-Renju Unit	2 534 <sup>(2)</sup>	
---------------	----------------------	--

"Speċijiet:	Čičirelli u qabdiet inċidentalni assoċjati <i>Ammodytes spp.</i>	Żona:	L-iljmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni taż-żona 4; l-iljmijiet tar-Renju Unit taż-żona 2a; l-iljmijiet tal-Unjoni taż-żona 3a (1)
-------------	---	-------	---

TAC 92 500 (2)

(1) Minbarra l-ilmijiet li jinsabu sa sitt mili nawtiċi mil-linji bażi tar-Renju Unit f'Shetland, f'Fair Isle u f'Foula.

<sup>(2)</sup> Fiż-żoni ta' ġestjoni 1r u 2r, it-TAC tista' tinqabat biss bħala TAC ta' monitoraġġ bi protokoll ta' kampjunar assoċjat għas-sajda.

(3) Sa 2 % tal-kwota jiusta' jkun qabdiet inċidentali tal-merlangu u tal-kavall (OT1/\*2A3A4X). Flimkien, il-qabdiet inċidentali tal-merlangu u tal-kavall li jingħaddu mal-kwota skont din id-dispożizzjoni u l-qabdiet inċidentali tal-ispeċijiet li jingħaddu mal-kwota skont l-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandhomx jaqbū 9 % tal-kwota.

Kondizzjoni speċjali: fi ħdan il-limiti tal-kwoti msemmija hawn fuq, ma jistgħux jinqabdu aktar mill-kwantitajiet mogħtija hawn taħt fiziż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell, kif definit fl-Anness III:

Żona: L-ilmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni taż-żoni ta' ġestjoni taċ-ċiċċirell

	1r	2r	3r	4	5r	6	7r
	(SAN/ 234_1R)	(SAN/ 234_2R)	(SAN/ 234_3R)	(SAN/ 234_4)	(SAN/ 234_5R)	(SAN/ 234_6)	(SAN/ 234_7R)
Id-Dani-marka	5 118	4 684	12 091	64 627	0	131	0
Il-Ġermanja	8	7	18	99	0	0	0
L-Iżvezja	188	172	444	2 373	0	5	0
L-Unjoni	5 314	4 863	12 553	67 099	0	136	0
Ir-Renju Unit	150	137	354	1 889	0	4	0
Totali	5 464	5 000	12 907	68 989	0	140	0

Speċijiet:	Arġentina silus <i>Arġentina silus</i>	Żona:	L-ilmjiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonal taż-żona 1 u 2 (ARU/1/2.)
Il-Ġermanja	16	TAC prekawzjonarja	
Franza	5		
In-Netherlands	13		
L-Unjoni	34		
Ir-Renju Unit	25		
TAC	59		

Speċijiet:	Argentīna silus <i>Arġentina silus</i>	Żona:	L-ilmiġiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni taż-żona 4; l-ilmiġiet tal-Unjoni taż-żona 3a (ARU/3A4-C)
------------	---	-------	---

Id-Danimarka	717	TAC prekawzjonarja
Il-Ġermanja	7	
Franza	5	
L-Irlanda	5	
In-Netherlands	34	
L-Iżvezja	28	
L-Unjoni	796	
Ir-Renju Unit	13	
TAC	809	

Speċijiet:	Argentīna silus <i>Arġentina silus</i>	Żona:	Iż-żoni 6 u 7; l-ilmiġiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żona 5 (ARU/567.)
------------	---	-------	---

Il-Ġermanja	283	TAC prekawzjonarja
Franza	6	
L-Irlanda	262	
In-Netherlands	2 958	
L-Unjoni	3 509	
Ir-Renju Unit	220	
TAC	3 729	

Speċijiet:	Brožmju <i>Brosme brosme</i>	Żona:	L-ilmiġiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żoni 1, 2 u 14 (USK/1214EI)
------------	---------------------------------	-------	--

Il-Ġermanja	6 <sup>(1)</sup>	TAC prekawzjonarja
Franza	6 <sup>(1)</sup>	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament
Pajjiżi oħrajn	3 <sup>(1)(2)</sup>	
L-Unjoni	16 <sup>(1)</sup>	
Ir-Renju Unit	6 <sup>(1)</sup>	
TAC	22	

<sup>(1)</sup> Għall-qabdiet inċidental biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota.

<sup>(2)</sup> Il-qabdiet li jridu jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġu rrapporati separatament (USK/1214EI\_AMS).

Speċijiet:	Brożmju <i>Brosme brosme</i>	Żona:	L-iljmijiet tar-Renju Unit u dawk tal-Unjoni taż-żona 4 (USK/04-C.)
Id-Danimarka	68	TAC prekawzjonarja	
Il-Ġermanja	20 <sup>(1)</sup>	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament	
Franza	47 <sup>(1)</sup>		
L-Iżvezja	7 <sup>(1)</sup>		
Pajjiżi oħrajn	7 <sup>(2)</sup>		
L-Unjoni	149 <sup>(1)</sup>		
Ir-Renju Unit	102 <sup>(1)</sup>		
TAC	251		

- <sup>(1)</sup> Kondizzjoni speċjali: sa 25 % minn din il-kwota jista' jinqabad fl-iljmijiet tar-Renju Unit, tal-Unjoni u dawk internazzjonali taż-żona 6a fit-Tramuntana ta' 58°30'N (USK/\*6AN58).
- <sup>(2)</sup> Għall-qabdet inċidental biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota. Il-qabdet li jridu jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġi rrapporati separatament (USK/04-C\_AMS).

Speċijiet:	Brożmju <i>Brosme brosme</i>	Żona:	Iż-żoni 6 u 7; l-iljmijiet tar-Renju Unit u dawk internazzjonali taż-żona 5 (USK/567EI)
Il-Ġermanja	60 <sup>(1)</sup>	TAC prekawzjonarja	
Spanja	208 <sup>(1)</sup>		
Franza	2 471 <sup>(1)</sup>	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament	
L-Irlanda	238 <sup>(1)</sup>		
Pajjiżi oħrajn	60 <sup>(2)</sup>		
L-Unjoni	3 037 <sup>(1)</sup>		
In-Norveġja	0 <sup>(3)(4)(5)</sup>		
Ir-Renju Unit	1 257 <sup>(1)</sup>		
TAC	4 294		

- <sup>(1)</sup> Kondizzjoni speċjali: sa 10 % minn din il-kwota jista' jinqabad fl-iljmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żona 4 (USK/\*04-C.).
- <sup>(2)</sup> Għall-qabdet inċidental biss. Mhu permess l-ebda sajd dirett fil-kuntest ta' din il-kwota. Il-qabdet li jridu jinqatgħu minn din il-kwota kondiviża għandhom jiġi rrapporati separatament (USK/567EI\_AMS).
- <sup>(3)</sup> Kondizzjoni speċjali: li biha tkun awtorizzata qabda inċidental ta' 25 % għal kull bastiment, fi kwalunkwe waqt, fiż-żoni 5b, 6 u 7. Madankollu, dan il-perċentwal jista' jinqabeż fl-ewwel 24 siegħa wara li jibda s-sajd f'post għas-sajd partikolari. Il-qabdet inċidental totali ta' speċijiet oħra ta' 25 % għal kull fiż-żoni 5b, 6 u 7 ma għandhomx jaqbżu l-ammont mogħihi hawn taħt f'tunnellati (OTH/\*5B67-). Il-qabda inċidental tal-bakkaljaw skont din id-dispożizzjoni fiż-żona 6a ma tistax tkun iktar minn 5 %.
- 0

(4) Inkluż il-lipp. Il-kwoti tan-Norveġja li ġejjin jistgħu jinqabdu biss bil-konzijiet fiż-żoni 5b, 6 u 7:  
 Lipp (LIN/\*5B67-) 0  
 Brożmju (USK/\*5B67-) 0

(5) Il-kwoti tat-tusk u tal-lipp tan-Norveġja huma interkambjabbli sal-ammont li ġej, f'tunnellati:  
 0

Speċijiet:	Imniefaħ <i>Caproidae</i>	Żona:	Iż-żoni 6, 7 u 8 (BOR/678-)
------------	------------------------------	-------	--------------------------------

Id-Danimarka	4 700	TAC prekawzjonarja
L-Irlanda	13 234	
L-Unjoni	17 934	
Ir-Renju Unit	1 218	
TAC	19 152	

Speċijiet:	Aringa (1) <i>Clupea harengus</i>	Żona:	3a (HER/03A.)
------------	--------------------------------------	-------	------------------

Id-Danimarka	9 080 <sup>(2)</sup>	TAC analitika
Il-Ġermanja	145 <sup>(2)</sup>	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament
L-Iżvezja	9 498 <sup>(2)</sup>	
L-Unjoni	18 723 <sup>(2)</sup>	
In-Norveġja	2 881	
Il-Gżejjer Faeroe	0 <sup>(3)</sup>	
TAC	21 604	

(1) Il-qabdiet tal-aringi li jinqabdu fis-sajd bix-xbieki b'daqs tal-malja ta' 32 mm jew iktar.

(2) Kondizzjoni speċjali: sa 50 % ta' dan l-ammont jista' jinqabad fl-ilmiċijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni taż-żona 4 (HER/\*04-C.).

(3) Jistgħu jinqabdu biss fl-Iskagħarrak (HER/\*03AN.).

Speċijiet:	Aringa (1) <i>Clupea harengus</i>	Żona:	L-ilmiċijiet tar-Renju Unit, tal-Unjoni u dawk Norveġiżi taż-żona 4 li jinsabu fit-Tramuntana ta' 53°30' N (HER/4AB.)
------------	--------------------------------------	-------	--

Id-Danimarka	49 993	TAC analitika
Il-Ġermanja	33 852	Japplika l-Artikolu 8(2) ta' dan ir-Regolament
Franza	18 838	
In-Netherlands	46 381	
L-Iżvezja	3 449	
L-Unjoni	152 513	

Speċijiet:	Aringa (1) <i>Clupea harengus</i>	Żona:	L-iljmijiet tar-Renju Unit, tal-Unjoni u dawk Norveġiżi taż-żona 4 li jinsabu fit-Tramuntana ta' 53°30' N (HER/4AB.)
------------	--------------------------------------	-------	---

Il-Gżejjer Faeroe	0
